



**KUNSILL EWROPEW
IL-PRESIDENT**



Brussell, 24 ta' Mejju 2012
(OR. en)
93/12
PRESSE 215
PR PCE 78

**Kummenti
mill-President tal-Kunsill Ewropew Herman Van Rompuy
wara l-ikla informali tal-membri
tal-Kunsill Ewropew**

Sejjaħt din il-laqgħa sabiex il-kollegi jiddiskutu kif tingħata spinta lit-tkabbir fl-Ewropa. Il-ħsieb tal-laqgħa tal-lejla kien li ssir pressjoni, li jkun hemm imħuħ iffukati u li jitneħħew l-ostakoli.

Id-diskussjoni dwar it-tkabbir mhix ġdida. Aħna diġà nikkondividu strateġija għat-tkabbir u din kienet ta' tħassib kostanti. Madankollu, il-ħidma kontinwa tagħna dwar it-tkabbir tgħattiet bl-isforzi vitali tagħna biex niżguraw l-istabbiltà fiskali fiż-Żona tal-Euro. Iżda din mhix inqas importanti.

U m'għandniex niftiehm u ħażin: huwa ovvju li l-kontropożizzjoni ta' "tnaqqis fid-defiċit" ma' "tkabbir" huwa dibattitu falz. Dawn huma żewġ uċuħ tal-istess munita. Mingħajr finanzi pubbliċi sodi ma jistax ikun hemm tkabbir sostenibbli; iżda mingħajr tkabbir sostenibbli, il-miżuri għall-kontroll tal-livelli tad-dejn tagħna jkunu għalxejn.

Il-lejla d-diskussjonijiet tagħna kienu ffukati u sinċieri. Jiena smajt b'attenzjoni lill-kollegi kollha u ħejjejna l-pedament għad-deċizzjonijiet komuni f'Ġunju, ħames ġimgħat oħra.

Qabelxejn, iddiskutejna t-tliet pilastri ewlenin ta' strateġija għat-tkabbir li għadha bbażata fuq l-Istrateġija 2020 tal-UE. L-Istrateġija 2020 tal-UE hija l-bażi għall-inizjattivi tagħna għat-tkabbir. Fuq perijodu qasir, aħna ser nistrutturaw il-ħidma tagħna fuq it-tliet pilastri li ġejjin.

L-ewwel nett, jeħtieġ li nimmobilizzaw il-politiki tal-UE sabiex jingħata appoġġ sħiħ għat-tkabbir; it-tieni nett, jeħtieġ li nintensifikaw l-isforzi tagħna fil-finanżjament tal-ekonomija permezz tal-investimenti u t-tielet nett, jeħtieġ li nsaħħu l-ħolqien tal-impjiegi.

L - I S T A M P A

Dirk De Backer - Spokesperson of the President - ☎ +32 (0)2 281 9768 - +32 (0)497 59 99 19
Jesús Carmona - Deputy Spokesperson of the President - ☎ +32 (0)2 281 9548 / 5150 - +32 (0)475 65 32 15
press.office@consilium.europa.eu <http://www.consilium.europa.eu/Newsroom>

EUCO 93/12

1

MT

L-ewwel punt: jeħtieġ li nimmobilizzaw il-politiki tal-UE sabiex jingħata appoġġ sħiħ għat-tkabbir. Għalhekk, stedinna lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill jagħmlu progress rapidu fil-proposti leġislattivi importanti, bħall-Att dwar is-Suq Uniku u d-Direttiva dwar l-Efficienza Enerġetika.

Għandna niffinalizzaw il-kwistjoni pendenti tal-privattiva tal-UE qabel it-tmiem tal-Presidenza Daniża. Il-kollegi talbu wkoll għall-implimentazzjoni sħiħa u konsistenti tal-leġislazzjoni eżistenti, b'mod partikolari fir-rigward tad-Direttiva dwar is-Servizzi u argumentaw favur impetu validu għall-Aġenda Diġitali. Jeħtieġ li l-Kummissjoni u l-Kunsill ikomplu bil-ħidma tagħhom fuq kif il-kummerċ internazzjonali jista' jintuża l-aħjar bħala magna għat-tkabbir. Għaddejjin diversi ftehimiet ewlenin dwar il-kummerċ li jibbenefikaw lill-ekonomija Ewropea.

It-tieni nett, jeħtieġ li nintensifikaw l-isforzi tagħna fil-finanzjament tal-ekonomija permezz tal-investimenti u aċċess aħjar tal-Intrapriżi Żgħira u ta' Daqs Medju għall-kreditu. Ir-riformi għandhom jimxu id f'id mal-investment u l-fondi tal-UE jista' jkollhom rwol importanti f'dan ir-rigward. Għal dan il-għan, il-bord tal-Bank Ewropew tal-Investment huwa mistieden jikkunsidra żieda tal-kapital tiegħu sa Ġunju għall-finanzjament ta' proġetti fl-UE kollha.

Aħna nilqgħu wkoll il-qbil politiku tal-Kunsill u l-Parlament Ewropew dwar l-inizjattiva għall-Bond tal-Proġetti tal-UE-BEI, sabiex dan is-sajf titnieda l-fażi pilota bħala l-ewwel pass. F'Ġunju, il-Kummissjoni ser tirrapporta dwar il-programmazzjoni mill-ġdid tal-Fondi Strutturali attwali għall-appoġġ tat-tkabbir, l-impjiegi u t-taħriġ. Il-kollegi semmew ukoll il-ħtieġa li jtkomplew il-ħidma u d-diskussjonijiet fil-Kunsill dwar it-Taxxa fuq it-Tranżazzjonijiet Finanzjarji kif ukoll li tiġi eżaminata l-kwistjoni ta' ħlasijiet tard. F'Ġunju, aħna ser niddiskutu kif inħejju bis-sħiħ il-Qafas Finanzjarju Pluriennali li jmiss għall-politiki dwar it-tkabbir u t-titjib tal-impjiegi.

It-tielet nett, jeħtieġ li nsaħħu l-ħolqien tal-impjiegi. Għalhekk, l-UE u l-Istati Membri tagħha jinvestu wkoll f'ħiliet u taħriġ. Sabiex jiġi promoss rilanċ għani fl-impjiegi, jeħtieġ li jsiru riformi konkreti u jittieħdu miżuri biex jingħata appoġġ għad-domanda għall-ħaddiema u l-ħolqien tal-impjiegi fis-setturi ewlenin tal-ekonomija.

Il-Pjanijiet Nazzjonali għall-Impjiegi għandhom jingħataw prominenza kbira fis-segwitu tar-Rakkomandazzjonijiet Speċifiċi għall-Pajjiżi dwar il-politiki ekonomiċi u għandhom jintużaw bis-sħiħ biex jistimolaw aħjar is-sinerġiji bejn l-istrumenti nazzjonali u Ewropej, inklużi l-Fondi Strutturali, b'mod partikolari fil-għieda kontra l-qgħad fost iż-żgħażaġh. Dan jista' jsir abbażi tal-garanziji għaż-żgħażaġh u ta' apprendistati ta' kwalità. Il-kollegi qalu li l-ħaddiema mobbli għandhom jingħataw appoġġ aħjar, u li jittejbu t-trasferibbiltà tad-drittijiet tal-pensjoni tagħhom u drittijiet oħrajn.

Finalment, kellna diskussjoni approfondita dwar l-aħħar żviluppi fiż-żona tal-euro, li matulha affermajna mill-ġdid l-impenn tagħna li nissalvagwardjaw l-istabbiltà finanzjarja u l-integrità tagħha. Id-diskussjonijiet tagħna wrew ukoll li jeħtieġ li nieħdu l-Unjoni Ekonomika u Monetarja fi stadju ġdid. Kien hemm kunsens ġenerali li jeħtieġ li nsaħħu l-unjoni ekonomika biex din tkun proporzjonata mal-unjoni monetarja.

Jiena ser nirrapporta f'Ġunju, f'kooperazzjoni mill-qrib mal-President tal-Kummissjoni, il-President tal-Grupp tal-Euro u l-President tal-Bank Ċentrali Ewropew, dwar il-pedamenti ewlenin u dwar metodu ta' ħidma biex jintlaħaq dan l-oġettiv. Il-kollegi esprimew diversi opinjonijiet dwar kwistjonijiet bħall-eurobonds f'perspettiva temporali, superviżjoni u riżoluzzjoni bankarji aktar integrati, u skema ta' garanzija tad-depożiti komuni.

Fl-aħħar tal-laqgħa kellna wkoll skambju ta' fehmiet dwar is-sitwazzjoni politika u ekonomika fil-Greċja.

F'isem il-mexxejja taż-żona tal-euro, jiena nafferma mill-ġdid li rridu li l-Greċja tibqa' fiż-żona tal-euro waqt li tirrispetta l-impenji tagħha.

Aħna konxji bis-siġħ mill-isforzi sinifikanti li diġà saru miċ-ċittadini Griegi. Iż-żona tal-euro wriet solidarjetà konsiderevoli, bl-iżborż flimkien mal-FMI ta' kważi EUR 150 biljun f'appoġġ għall-Greċja sa mill-2010. Aħna ser niżguraw li l-fondi strutturali u l-istrumenti Ewropej ikunu mobilizzati sabiex il-Greċja timxi lejn it-tkabbir u l-ħolqien tal-impjiegi.

It-tkomplija tar-riformi vitali biex jergħa' jkun hemm sostenibbiltà tad-dejn, jitrawwem l-investiment privat u jiġu rinfurzati l-istituzzjonijiet tagħha huma l-aqwa garanzija għal futur aktar prosperu fiż-żona tal-euro. Aħna nistennew li wara l-elezzjonijiet, il-Gvern Grieg ġdid ser jagħmel dik l-għażla.
